**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' April, 2018

Rikors Nru : 102/18 AL

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-esponenti zzewgu Malta nhar il-hamsa (5) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) u z-zwieg huwa rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru tal-iskrizzjoni 33/2002 hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla, J, li llum ghandha hmistax-il sena (15) hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B';

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redat minn Nutar Rachel Busuttil, fil-wiehed u tletin (31) t'Ottubru tas- sena elfejn u tnax (2012), hawn anness u mmarkat bhala Dok 'C';

Illi l-partijiet ilhom jghixu de facto separatament ghal dawn l-ahhar disa' snin u cioe' mis-sena elfejn u tmienja (2008);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghall-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom disa' snin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet iddikjaraw illi rrinunzjaw definittivament mid-dritt li jitolbu jew jircievu jew jesigu manteniment minn ghand xulxin (Klawzola 3);

Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, ir-ragel huwa obbligat li jhallas is-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar ghall-imsemmija tifla (Klawzola 11);

Illi l-esponenti ragel dejjem ta l-manteniment skont dak miftiehem u qatt ma kien hemm xi proceduri gudizjari f'dan ir-rigward;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal l-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il- Qorti sabiex ai termini tal-Att fuq id-Divorzju tholl iz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Marzu, 2018;

Rat l-affidavit bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-31 ta' Ottubru 2012 u de facto separati ghal dawn l-ahhar disa' snin u cioe' mis-sena 2008;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.